MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 1022/2003

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Jason Gatt, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fid-29 ta'
awissu, 1979

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' diċembru, 2003, għal ħabta ta' nofs in-nhar, minn ġewwa r-residenza tal-ġenituri tiegħu, li tinsab fil-fond numru 144 'Liliana', Triq il-Foss, Paola kkometta serq ta' 'decoder' tat-television ta' l-għamla mhux magħrufa u mudell mhux magħruf li jiswa Lm35 għad-dannu tas-soċjeta' Melita Cable plcliema serq hu kkwalifikat bil-lok;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(e), 269(g) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------